**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 208**
**It-Tlieta, 20 ta' Frar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KONSULENTI**

**13979. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KONSULENTI**

**13980. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - KONSULENTI**

**13981. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - KONSULENTI**

**13982. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tagħha u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - KONSULENTI**

**13983. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWEDEX - KONSULENTI**

**13984. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**KULLEĠĠI – RATA TA' ASSENTEIŻMU - TRIBUNAL**

**14334. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'saħħa għandu t-tribunal li jipproċessa l-assenteiżmu tat-tfal mill-iskola, meta ġenitur ma jitlax quddiem it-tribunal u/jew jinjora t-taħrika?

21/12/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-Tribunal Lokali jiproċedi bis-smigħ tal-kawżi tal-assenteiżmu skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Kap 605.

Seduta 208
20/02/2024

**SKOLA OBBLIGATORJA – STUDENTI LI MA JKOMPLUX**

**14335. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-rata ta' studenti li ma jkomplux l-iskola obbligatorja, sena b'sena, mill-2013 sa 2023?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**TCNS - ISTITUZZJONIJIET EDUKATTIVI LI JOFFRU BRIDGING-COURSES**

**14336. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11897, peress li f'din it-tweġiba m'hemmx kemm jiswew il-bridging courses offruti mill-Università ta' Malta u mill-MCAST, li huma tassew meħtieġa, jista' l-Ministru jgħid kemm jiswew dawn il-korsijiet? Jista'jgħid jekk l-istudenti (immigranti) jingħatawx l-opportunità li jħallsu bin-nifs u jekk iva, kif?
Fid-dawl li persuni li jiġu Malta minn pajjiżi li qed jiżviluppaw ikollhom iħallsu eluf ta' Ewro biex jaslu Malta, jista' jgħid jekk hix ġustizzja soċjali li jkollhom iħallsu dawn l-eluf ta' Ewro meta pajjiżna diġà għandu nuqqas kbir ta' infermiera fis-servizzi tas-saħħa?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamenari 11897.

Seduta 208
20/02/2024

**BRIDGING COURSES - MIŻATI**

**14337. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jikkunsidrax li jneħħi l-miżata jew jagħti xi tip ta' scholarships, anke parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropeja, biex persuni li ġew Malta minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li jixtiequ jattendu l-bridging courses offruti mill-Università ta' Malta, ma jkollhomx għalfejn iħallsu miżati esaġerati?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-istudenti li japplikaw għal dawn il-korsijiet ikunu diġà qed jaħdmu u ħafna minnhom, kif jiggradwaw, imorru jaħdmu barra minn pajjiżna.

Seduta 208
20/02/2024

**FSWS – SOCIAL WORKERS U SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**14588. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11207 u 13183 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5795, fejn il-Ministru jagħti x'jifhem li l-job descriptions tas-social workers u l-job descriptions tas-social welfare professionals huma l-istess mal-entitatjiet kollha fejn jaħdmu s-social workers u s-social welfare professionals fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), jista' l-Ministru jikkonferma li hemm tip wieħed ta' job description kemm għas-social workers u kemm għas-social welfare professionals fi ħdan l-FSWS? Jekk hemm job descriptions ta' social workers u social welfare professionals differenti ta' units differenti, jista' l-Ministru jqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

08/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nibda billi nfakkar lill-Onor. Interpellanta li fit-tweġibiet li tajt fuq dan is-suġġett dejjem insistejt li r-rwoli u x-xogħol tas-social workers u social welfare professionals mhumiex identiċi u li s-social welfare professionals jagħmlu xogħol li jgħin, jassisti jew jikkumplimenta dak li jagħmlu s-social workers.

Għaldaqstant, nerġa' nikkonferma li dawn iż-żewġ gruppi ta' ħaddiema għandhom job descriptions differenti. Fil-kas tas-social welfare professionals, filwaqt li hemm job description ġenerika hemm ukoll numru ta' job descriptions partikolari għal responsabbilitajiet partikolari skont ix-xogħol u s-sejħa li jkunu ġew ingaġġati għalihom. Dawn huma b'mod partikolari fejn jirrigwardja ir-Risk Asessors tal-Vjolenza Domestika, tal-SAVs u tas-Sex Workers Programme.

Kopja ta’ dawn il-job descriptions ta’ dawn is-social welfare professionals hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**14589. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11208 u 13184 u ċjoè: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9368, fejn intqal li hemm madwar 120 social welfare professional, jista’ l-Ministru jgħid f’liema units tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jaħdmu s-social welfare professionals? Jista’ jgħid ukoll kemm hemm social welfare professionals f’kull unit u kemm-il każ hemm assenjat fuqhom?

08/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Din l-istatisitka hija riferibbli għall-perjodu Jannar – Ġunju 2023 skont il-policy tal-FSWS dwar il-publikazzjoni ta’ statistika.

Seduta 208
20/02/2024

**PULIZIJA - RAPPORTI TA’ SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET**

**15059. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2020, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15056. Ninsab infurmat illi t-tagħrif hekk kif mitlub mill-Onor. Interpellant ma kienx jinżamm taħt forma kompjuterizzata qabel is-sena 2022.

Seduta 208
20/02/2024

**PULIZIJA – RAPPORT TA’ SERQ**

**15060. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' serq sar mal-Pulizija fl-2023, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn? Jista’ jipprovdi f'liema lokalitajiet saru dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta’ rapporti ta’ serq li saru mal-Pulizija fis-sena 2023, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Informazzjoni dwar kemm-il każ issolva minn dawn, mhix disponibbli fis-sistema elettronika tal-Pulizija. Madankollu ninforma lill-Onor. Membru li qed isiru arranġamenti biex fil-viċin tinħareġ sejħa għall-offerti, għal Sistema tal-Ġestjoni ta’ Informazzjoni għal użu tal-Korp, li biha tkun tista tingħabar tali informazzjoni aktar il-quddiem.

| Lokalità | Total 2023 |
|---|---|
| ATTARD | 60 |
| BALZAN | 19 |
| BIRGU | 22 |
| BIRKIRKARA | 177 |
| BIRŻEBBUĠIA | 106 |
| BORMLA | 82 |

| | |
|---|---|
| DINGLI | 13 |
| FGURA | 63 |
| FLORIANA | 67 |
| FONTANA - GĦAWDEX | 2 |
| GĦAJNSIELEM - GĦAWDEX | 29 |
| GĦARB - GĦAWDEX | 3 |
| GĦARGHUR | 10 |
| GĦASRI - GĦAWDEX | 1 |
| GĦAXAQ | 24 |
| GUDJA | 52 |
| GŻIRA | 93 |
| ĦAMRUN | 144 |
| IKLIN | 11 |
| ISLA | 27 |
| KALKARA | 17 |
| KERĊEM - GĦAWDEX | 7 |
| KIRKOP | 6 |
| LIJA | 8 |
| LUQA | 41 |
| MARSA | 127 |
| MARSASKALA | 72 |
| MARSAXLOKK | 66 |
| MDINA | 17 |
| MELLIEĦA | 129 |
| MĠARR | 21 |
| MOSTA | 84 |
| MQABBA | 10 |
| MSIDA | 176 |
| MTARFA | 5 |
| MUNXAR - GĦAWDEX | 18 |
| N/A | 5 |
| NADUR - GĦAWDEX | 15 |
| NAXXAR | 80 |
| PAOLA | 126 |
| PEMBROKE | 17 |
| PIETA' | 83 |
| QALA - GĦAWDEX | 4 |
| QORMI | 208 |
| QRENDI | 12 |
| RABAT | 56 |
| RABAT - GĦAWDEX | 70 |
| SAFI | 13 |
| SAN ĠILJAN | 758 |
| SAN ĠWANN | 77 |
| SAN LAWRENZ - GĦAWDEX | 1 |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 402 |
| SANNAT - GĦAWDEX | 11 |
| SANTA LUĊIJA | 8 |
| SANTA VENERA | 60 |
| SIĠĠIEWI | 35 |
| SLIEMA | 225 |
| SWIEQI | 45 |
| TA' XBIEX | 37 |
| TARXIEN | 44 |
| VALLETTA | 192 |
| XAGĦRA - GĦAWDEX | 13 |
| XEWKIJA - GĦAWDEX | 17 |
| XGĦAJRA | 9 |

| | |
|---|---|
| ŻABBAR | 86 |
| ĦAŻ-ŻEBBUĠ | 68 |
| ŻEBBUĠ - GĦAWDEX | 36 |
| ŻEJTUN | 65 |
| ŻURRIEQ | 28 |
| **Total** | **4715** |

Seduta 208
20/02/2024
**PULIZIJA – RAPPORTI TA' SERQ**

**15061. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' serq sar mal-Pulizija fl-2022, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn? Jista' jipprovdi f'liema lokalitajiet saru dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapporti ta' serq li saru mal-Pulizija fis-sena 2022, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Informazzjoni dwar kemm-il każ issolva minn dawn, mhiex disponibbli fis-sistema elettronika tal-Pulizija. Madankollu ninforma lill-Onorevoli Membru' illi qed isiru arranġamenti biex fil-viċin tinħareġ sejħa għall-offerti, għall-Sistema tal-Ġestjoni ta' Informazzjoni għal użu tal-Korp, li biha tkun tista tingħabar tali nformazzjoni aktar 'il quddiem.

| Lokalità | Total |
|---|---|
| ATTARD | 43 |
| BALZAN | 10 |
| BIRGU | 22 |
| BIRKIRKARA | 177 |
| BIRŻEBBUĠIA | 162 |
| BORMLA | 79 |
| DINGLI | 10 |
| FGURA | 70 |
| FLORIANA | 65 |
| FONTANA - GĦAWDEX | 2 |
| GĦAJNSIELEM - GĦAWDEX | 34 |
| GĦARB - GĦAWDEX | 3 |
| GĦARGĦUR | 10 |
| GĦAXAQ | 29 |
| GUDJA | 57 |
| GŻIRA | 133 |
| ĦAMRUN | 149 |
| IKLIN | 15 |
| ISLA | 24 |
| KALKARA | 25 |
| KERĊEM - GĦAWDEX | 3 |
| KIRKOP | 10 |
| LIJA | 9 |
| LUQA | 64 |
| MARSA | 121 |
| MARSASKALA | 84 |
| MARSAXLOKK | 43 |
| MDINA | 4 |
| MELLIEĦA | 96 |
| MĠARR | 27 |
| MOSTA | 98 |
| MQABBA | 10 |
| MSIDA | 160 |
| MTARFA | 5 |

| | |
|---|---|
| MUNXAR - GĦAWDEX | 8 |
| N/A | 2 |
| NADUR - GĦAWDEX | 15 |
| NAXXAR | 68 |
| PAOLA | 150 |
| PEMBROKE | 19 |
| PIETA' | 54 |
| QALA - GĦAWDEX | 3 |
| QORMI | 246 |
| QRENDI | 10 |
| RABAT | 51 |
| RABAT - GĦAWDEX | 59 |
| SAFI | 21 |
| SAN ĠILJAN | 520 |
| SAN ĠWANN | 68 |
| SAN LAWRENZ - GĦAWDEX | 3 |
| SAN PAWL IL-BAHAR | 359 |
| SANNAT - GĦAWDEX | 4 |
| SANTA LUĊIJA | 17 |
| SANTA VENERA | 57 |
| SIĠĠIEWI | 43 |
| SLIEMA | 229 |
| SWIEQI | 39 |
| TA' XBIEX | 34 |
| TARXIEN | 46 |
| VALLETTA | 206 |
| XAGĦRA - GĦAWDEX | 13 |
| XEWKIJA - GĦAWDEX | 14 |
| XGĦAJRA | 10 |
| ŻABBAR | 78 |
| ŻEBBUG | 106 |
| ŻEBBUG - GĦAWDEX | 32 |
| ŻEJTUN | 123 |
| ŻURRIEQ | 39 |
| Total | 4599 |

Seduta 208
20/02/2024

**PULIZIJA – RAPPORTI TA’ SERQ**

**15062. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' serq sar mal-Pulizija fl-2021, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn? Jista’ jipprovdi f'liema lokalitajiet saru dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta’ rapporti ta’ serq li saru mal-Pulizija fis-sena 2021, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Informazzjoni dwar kemm-il każ issolva minn dawn, mhiex disponibbli fis-sistema elettronika tal-Pulizija. Madankollu ninforma lill-Onor. Membru li qed isiru arranġamenti biex fil-viċin tinħareġ sejħa għall offerti, għall Sistema tal-Ġestjoni ta’ informazzjoni għal użu tal-Korp, li biha tkun tista’ tinġabar tali nformazzjoni aktar -il quddiem.

| Lokalità | Total 2021 |
|---|---|
| ATTARD | 54 |
| BALZAN | 20 |
| BIRGU | 23 |

| | |
|---|---|
| BIRKIRKARA | 164 |
| BIRŻEBBUĠIA | 119 |
| BORMLA | 85 |
| DINGLI | 15 |
| FGURA | 61 |
| FLORIANA | 67 |
| FONTANA - GĦAWDEX | 1 |
| GĦAJNSIELEM - GĦAWDEX | 30 |
| GĦARB - GĦAWDEX | 6 |
| GĦARGĦUR | 10 |
| GĦASRI - GĦAWDEX | 5 |
| GĦAXAQ | 38 |
| GUDJA | 41 |
| GŻIRA | 134 |
| ĦAMRUN | 190 |
| IKLIN | 12 |
| ISLA | 22 |
| KALKARA | 26 |
| KERĊEM - GĦAWDEX | 7 |
| KIRKOP | 10 |
| LIJA | 8 |
| LUQA | 61 |
| MARSA | 176 |
| MARSASKALA | 116 |
| MARSAXLOKK | 48 |
| MDINA | 2 |
| MELLIEĦA | 81 |
| MĠARR | 33 |
| MOSTA | 123 |
| MQABBA | 11 |
| MSIDA | 143 |
| MTARFA | 5 |
| MUNXAR - GĦAWDEX | 6 |
| N/A | 1 |
| NADUR - GĦAWDEX | 11 |
| NAXXAR | 67 |
| PAOLA | 104 |
| PEMBROKE | 17 |
| PIETA' | 73 |
| QALA - GĦAWDEX | 3 |
| QORMI | 225 |
| QRENDI | 14 |
| RABAT | 82 |
| RABAT - GĦAWDEX | 36 |
| SAFI | 9 |
| SAN ĠILJAN | 469 |
| SAN ĠWANN | 82 |
| SAN LAWRENZ - GĦAWDEX | 4 |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 369 |
| SANNAT - GĦAWDEX | 7 |
| SANTA LUĊIJA | 11 |
| SANTA VENERA | 63 |
| SIĠĠIEWI | 30 |
| SLIEMA | 219 |
| SWIEQI | 50 |
| TA' XBIEX | 52 |
| TARXIEN | 35 |

| | |
|---|---|
| VALLETTA | 151 |
| XAGĦRA - GĦAWDEX | 17 |
| XEWKIJA - GĦAWDEX | 16 |
| XGĦAJRA | 9 |
| ŻABBAR | 86 |
| ĦAŻ-ŻEBBUĠ | 66 |
| ŻEBBUĠ - GĦAWDEX | 32 |
| ŻEJTUN | 65 |
| ŻURRIEQ | 30 |
| **Total** | **4458** |

Seduta 208
20/02/2024

**PULIZIJA – RAPPORTI TA’ SERQ**

**15063. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' serq sar mal-Pulizija fl-2020, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn? Jista’ jipprovdi f'liema lokalitajiet saru dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta’ rapporti ta’ serq li saru mal-Pulizija fis-sena 2020, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Informazzjoni dwar kemm-il ka¿ issolva minn dawn, mhiex disponibbli fis-sistema elettronika tal-Pulizija. Madankollu ninforma lill-Onorevoli Membru’ illi qed isiru arranġamenti biex fil-vicin tinħareġ sejħa għall offerti, għall Sistema tal-Gestjoni ta’ informazzjoni għal użu tal-Korp, li biha tkun tista’ tingħabar tali nformazzjoni aktar -il quddiem.

| Lokalità | Total |
|---|---|
| ATTARD | 50 |
| BALZAN | 23 |
| BIRGU | 22 |
| BIRKIRKARA | 165 |
| BIRŻEBBUĠIA | 111 |
| BORMLA | 73 |
| DINGLI | 13 |
| FGURA | 83 |
| FLORIANA | 67 |
| FONTANA - GĦAWDEX | 2 |
| GĦAJNSIELEM - GĦAWDEX | 25 |
| GĦARB - GĦAWDEX | 4 |
| GĦARGĦUR | 11 |
| GĦASRI - GĦAWDEX | 5 |
| GĦAXAQ | 19 |
| GUDJA | 60 |
| GŻIRA | 150 |
| ĦAMRUN | 181 |
| IKLIN | 15 |
| ISLA | 22 |
| KALKARA | 32 |
| KERCEM - GĦAWDEX | 7 |
| KIRKOP | 17 |
| LIJA | 5 |
| LUQA | 60 |

| | |
|---|---|
| MARSA | 138 |
| MARSASKALA | 118 |
| MARSAXLOKK | 56 |
| MDINA | 5 |
| MELLIEHA | 104 |
| MĠARR | 24 |
| MOSTA | 121 |
| MQABBA | 15 |
| MSIDA | 201 |
| MTARFA | 5 |
| MUNXAR - GĦAWDEX | 8 |
| N/A | 8 |
| NADUR - GĦAWDEX | 11 |
| NAXXAR | 75 |
| PAOLA | 103 |
| PEMBROKE | 17 |
| PIETA' | 83 |
| QALA - GĦAWDEX | 4 |
| QORMI | 213 |
| QRENDI | 10 |
| RABAT | 53 |
| RABAT - GĦAWDEX | 54 |
| SAFI | 9 |
| SAN ĠILJAN | 393 |
| SAN ĠWANN | 72 |
| SAN LAWRENZ - GĦAWDEX | 7 |
| SAN PAWL IL-BAHAR | 422 |
| SANNAT - GĦAWDEX | 7 |
| SANTA LUĊIJA | 13 |
| SANTA VENERA | 69 |
| SIĠĠIEWI | 42 |
| SLIEMA | 247 |
| SWIEQI | 61 |
| TA' XBIEX | 29 |
| TARXIEN | 64 |
| VALLETTA | 168 |
| XAGĦRA - GĦAWDEX | 10 |
| XEWKIJA - GĦAWDEX | 16 |
| XGĦAJRA | 9 |
| ŻABBAR | 96 |
| ĦAŻ-ŻEBBUĠ | 69 |
| ŻEBBUĠ - GĦAWDEX | 28 |
| ŻEJTUN | 56 |
| ŻURRIEQ | 44 |
| **Total** | 4579 |

Seduta 208
20/02/2024

**PULIZIJA – RAPPORTI TA’ TRAFFIKAR TAD-DROGA**

**15064. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' traffikar ta' droga sar mal-Pulizija fl-2023, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn? Jista’ jipprovdi f'liema lokalitajiet saru dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-informazzjoni dwar każi ta’ traffikar ta' droga li saru mal-Pulizija matul is-sena 2023, kienu kif jidhru fit-tabella hawn taħt li fiha dettalji dwar il-lokalita ta’ fejn kien irrapurtat il-każ jew għal fejn tirreferi l-informazzjoni miġbura. Il-pulizija tinvestiga kull rapport li tirċievi u fejn informazzjoni tirriżulta fil-posittiv dejjem tittieħed azzjoni kriminali kontra l-persuni responsabbli. Ikun hemm drabi fejn l-informazzjoni tkun negattiva jew skorretta u ma jirriżulta xejn, u oħrajn fejn l-investigazzjoni dwarhom tkun għadha għaddejja. Ħafna mir-rapporti ta’ traffikar tad-droga, huma bbażati u joriġinaw minn informazzjoni li tkun ġiet miġbura mit-taqsima ta’ kontra id-droga, liema każi huma distinti minn ċerti tipi ta’ reati, bħal serq jew frodi, fejn il-persuna li tagħmel ir-rapport tkun sfat vittma ta’ l-istess reat. Ukoll qed niprovdi tabella b’informazzjoni li turi s-successi li għamel il-Korp tal-Pulizija ta’ qabdiet ta’ droga matul is-sena 2023.

| **Rapporti dwar Traffikar ta' Droga** | |
|---|---|
| **Sena** | **Lokalità** |
| **2023** | Baħar iċ-Ċagħaq |
| | Birgu |
| | Birkirkara |
| | Birżebbuġia |
| | Bormla |
| | Fgura |
| | Floriana |
| | Gzira |
| | Ħamrun |
| | Isla |
| | Luqa |
| | Marsa |
| | Marsalforn |
| | Marsaskala |
| | Mellieħa |
| | Mosta |
| | Msida |
| | Naxxar |
| | Paola |
| | Paola and Balzan |
| | Pietà |
| | Qormi |
| | Rabat |
| | Rabat - Għawdex |
| | San Ġiljan |
| | San Pawl il-Baħar |
| | Santa Luċija |
| | Santa Venera |
| | Sliema |

| | |
|---|---|
| | Sliema and St Julians |
| | Swieqi |
| | Tarxien |
| | Unknown |
| | Valletta |
| | Various locations |
| | Xagħjra Malta |
| | Xagħra Gozo |
| | Żabbar |
| | Żebbug |
| | Żejtun |
| | Żurrieq |
| **2023 Total** | **83** |

| **Droga maqbuda fit-2023** | | **Kwantita** |
|---|---|---|
| | | |
| Cocaine | | 492589.3109 Grams |
| Heroin | | 7841.0734g |
| Cannabis Resin | | 1497.47g |
| Cannabis Grass | | 154261.3675g |
| Ecstasy | | 680 |
| Magic mushroom | | 3500g |
| Crack Cocaine | | 30.1 grams |
| Cannabis joints | | 2966 |
| MDMA Powder | | 109g |
| Amphetamine | | 22g |
| Cannabis plants | | 73 |
| Methadone | | 500ml |
| Khat | | 10000Kilos |
| Cutting agent | | 19000G |
| Scheduled synthetic | | 35.247g |
| Synthetic not scheduled | | 2g |
| Ketamine | | 4800g |
| 2C-B | | 1740 pills |
| Pink cocaine | | 1.19g |

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15211. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR - SEGRETARJAT GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15212. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15194.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOK- ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15213. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15214. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab infurmat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15215. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI- SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15216. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15207.

Seduta 208
20/02/2024

**ŻEJTUN - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15634. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi fiż-Żejtun u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi s-siġar fiż-żoni pubbliċi u ġonna jinżabru u jingħataw l-attenzjoni neċessarja skont il-bżonn.

Intant infurmat mill-istess Kunsill li huwa prattikament impossibbli li tinghata figura tan-numru tas-siġar taż-żebbug li jinsabu fil-lokalità madanakollu infurmat li l-ammont mhuwiex wieħed żgħir.

Seduta 208
20/02/2024

**ĊIMITERJU TAL-ADDOLORATA - XOGĦLIJIET**

**15635. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet ta' restawr qegħdin isiru fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Raħal Ġdid u jingħata rendikont ta' dak li qiegħed isir?

25/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi mill-2019 sa' llum, tlesta' r-restawr fuq dawn il-partijiet fiċ-Ċimterju tal-Addolorata hekk kif indikat hawn taħt:

- Mezzanin tal-kustodju
- Mezzanin tal-Amministrazzjoni
- Loġġa
- Ossarji
- Depost
- Kappella Gatt
- Kamra mortwarja u ex-kamra tal-awtopsji u ex-kamra tal-għassies
- Ex-diviżjoni profana
- Il-ħajt diviżorju li jdawwar iċ-ċimiterju
- Turġien prinċipali li wasslu mill-loġġa sal-Kappella
- Ġibjetta
- Kamra tal-għassies ma' ġenb l-entratura ta' wara
- Via Crucis
- Monument tas-Sette Giugno
- Is-salib tal-entratura u x-xogħol gotiku tal-binjiet prinċipali
- L-ossarji ġenerali tal-komun
- Il-kripta (sotto la cappella)

Dawn li ġejjin huma lista' ta' xogħlijiet ta' restawr li għaddejjin bħalissa u li huwa skedat li jitlestew sal-aħħar tas-sena, dawn jinkludu:

- L-entratura prinċipali minn naħa ta' Raħal Ġdid
- Il-Kappella prinċipali taċ-ċimiterju
- Glasis (*Retaining Walls*)
- L-entratura li tagħti għal bypass ta' Santa Lucia minn naħa ta' wara taċ-ċimiterju

Seduta 208
20/02/2024

**FGURA – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15636. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi fil-Fgura u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab Infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura illi siġar taż-żebbuġ fil-lokalità tal-Fgura hemm madwar 70.

Infurmat ukoll mill-istess Kunsill li bħala żbir isir skont il-perjodu neċċessarju ta' bejn Ottubru u l-aħħar ta' Frar, meta s-siġar ikun bla frott, filwaqt li bħala tisqija, din issir regolarment skont il-bżonn.

Seduta 208
20/02/2024

**FGURA – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15637. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi fil-Fgura u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-lokalità msemmija, l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir m'humiex responsabbli għall-immaniġġjar ta' siti fejn hemm imħawla siġar taż-żebbuġ.

Seduta 208
20/02/2024

**ĊIMITERJU TAL-ADDOLORATA - MONITERAĠĠ FUQ OQBRA ABBANDUNATI JEW DELAPIDATI**

**15638. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex isir moniteraġġ fuq oqbra abbandunati jew delapidati jew li qed jagħmlu ħsara lill-oqbra oħrajn fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata f'Raħal Ġdid? Jekk iva, jista' jingħata rendikont ta' dak li qiegħed isir?

25/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ma jsirx monitoraġġ ta' oqbra hekk indikati bħala abbandunati jew delapidati fiċ-ċimiterju tal-Addolorata f'Raħal Ġdid. Dan għax dawn l-oqbra huma privati u għaldaqstant ikkunsidrati bħala responsabbilità tas-sidien jew werrieta tal-qabar. Minkejja dan, meta l-uffiċċju tal-Amministrazzjoni tad-Dfin ikollu l-informazzjoni dwar xi ħsara li tkun qed issir, u jkollu l-kuntatt tas-sidien jew werrieta tal-qabar privat, dawn jiġu nfurmati dwar is-sitwazzjoni sabiex tiġi rranġata mill-aktar fis possibbli. Fir-rigward tal-oqbra komuni, il-manutenzjoni ssir mill-kumpanija li tmexxi l-Addoloratta bħala parti mill-konċessjoni li ngħatat lil din l-istess kumpanija fl-4 ta' Frar 2019.
Ninsab infurmat ukoll illi hemm stanti fejn oqbra jiġu ssiġillati fuq xewqa tas-sidien kif ikun indikat fit-testmenti rispettivi tagħhom. Ikun hemm stanti oħrajn fejn jew ma jibqgħax werrieta, jew il-werrieta ikunu siefru u għaldaqstant tali oqbra ma jibqgħux jintużaw mill-familjari.

Seduta 208
20/02/2024

**ĦAL GĦAXAQ – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15639. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Ħal Għaxaq u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq illi s-siġar relattivi jinżabru skont il-bżonn.

Intant infurmat mill-istess Kunsill li huwa prattikament impossibbli li tingħata figura tan-numru tas-siġar taż-żebbuġ li jinsabu fil-lokalità madanakollu infurmat li l-ammont mhuwiex wieħed żgħir.

Seduta 208
20/02/2024

**KUNSILL EŻEKUTTIV TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - DEĊIŻJONI**

**15677. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar tas-6 ta' Ġunju 2023 fejn kien deċiż li:

'At its meeting which was held on the 6th June 2023, the Executive Council agreed that the Planning Authority will only consider garages / parking bays in the computation of parking requirements attached to development proposals. Third party owned garages / parking bays should not be considered as part of the parking requirements. More importantly, parking provisions has to be provided on site and not elsewhere',

jista' l-Ministru jgħid jekk f'applikazzjonijiet għal bdil ta' użu minn garaxxijiet domestiċi ta' terzi għal użu kummerċjali b'użu lokali, l-applikanti għal bdil ta' użu għandhomx jiġu mġiegħla jħallsu għall-UIF / CCPS meta jintilef spazju ta' parkeġġ minn blokka ta' appartamenti li huma ma humiex is-sidien tagħha?

26/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**SAJJIEDA - SUSSIDJI**

**15678. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid fiex kienu jikkonsistu s-sussidji li ngħataw is-sajjieda, sena b'sena, mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn is-sussidji bbenefikaw minnhom sajjieda full-time u sajjieda part-time? Kemm minn dawn is-sajjieda kienu sajjieda żgħażagħ?

26/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura ghen b'mod dirett lis-sajjieda permezz ta' l-iskema tal-fjuwil, liema skema harget ghall-ewwel darba fis-sena 2022. Din l-iskema giet imnedija taht il-Qafas Temporanju ta' Ghajnuna, liema qafas gie mahluq biex jghin lil ekonomija wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajina.

L-applikazzjonijiet kienu miftuha ghal sajjieda li huma rregistrati fuq bazi full-time (MFA). Is-sajjieda kienu intitolati ghal ghajnuna ekkwivalenti ghad-differenza fil-prezz tal-fjuwil li tvarja mill-linja bazi stabbilita fi Frar 2022, li kienet tammonta ghal €0.64. Dan l-ammont ta' ghajnuna jinbidel kull xhar, liema bidla tiddipendi fuq il-prezz kurrenti tal-fjuwil skont is-suq. Mill-bidu tas-sena 2022 sa l-ahhar ta' 2023, 286 sajjieda applikaw u ibbenefikaw minn din l-iskema, bl-ammont totali ta' fondi mghotija jlahhqu €1.280 miljun. Mill-286 sajjieda li applikaw, 66 kienu sajjieda zghazagh (23 fil-mija). Għajnuniet ohra m'humhiex meqjusa bħala sussidji.

Seduta 208
20/02/2024

**SAJJIEDA FULL-TIME U PART-TIME**

**15679. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji biex tikwalifika bħala sajjied full-time u sajjied part-time? Jista' l-Ministru jgħid ukoll kemm kien hawn sajjieda full-time u sajjieda part-time, sena b'sena, mill-2005 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din l-mistoqsija parlamentari? X'verifiki jagħmel id-Dipartiment tas-Sajd biex jassigura ruħu li min qed jiddikjara li hu sajjied full-time, fil-fatt ikun verament sajjied full-time?

26/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex topera bastiment tas-sajd kummerċjali jrid ikollok bastiment b'liċenzja ta' MFA (full-time) u MFB (part-time) rispettivament, filwaqt li tkun reġistrat bħala sajjied full-time jew part-time, skont il-każ mal-entità kkonċernata.
In-numru ta' bastimenti full-time u part-time sena b'sena, mill-2012 sal-lum huwa kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| Sena | Bastimenti MFA | Bastimenti MFB | TOTAL |
|---|---|---|---|
| | **Full-time** | **Part-time** | |
| 2012 | 403 | 638 | 1,041 |
| 2013 | 398 | 625 | 1,023 |
| 2014 | 399 | 617 | 1,016 |
| 2015 | 401 | 601 | 1,002 |
| 2016 | 379 | 534 | 913 |
| 2017 | 374 | 548 | 922 |
| 2018 | 376 | 528 | 904 |
| 2019 | 376 | 520 | 896 |
| 2020 | 377 | 462 | 839 |
| 2021 | 388 | 447 | 835 |
| 2022 | 397 | 417 | 814 |
| 2023 | 391 | 409 | 800 |
| 2024 (sat- 30/01/24 | 393 | 407 | 800 |

Ninfurmah li l-informazzjoni dwar in-numru ta' bastimenti tas-snin ta' qabel ma tistax tiġi kkumpilata minħabba l-fatt li kienet tintuża sistema oħra li ma għadx baqa' aċċess għaliha. Il-verifiki sabiex bastiment tas-sajd jiġi kkonfermat bħala kummerċjali huma skont l-iskedi li hemm fil-liġijiet taħt il-KAP 425 tal-Liġijiet ta' Malta, li huma bbażati fuq valur minimu ta' bejgħ li jridu jsiru mill-kategoriji rispettivi.

Seduta 208
20/02/2024

**SAJJIEDA - KATEGORIJI**

**15680. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn sajjieda, f'kull kategorija, li jaqgħu taħt il-kategorija 'historical', 'sectoral', 'young fishermen' u 'others'? X'tip ta' liċenzji hemm taħt kull kategorija separatament, u x'ammont ta' kwoti tat-tonn, separatament hemm taħt kull kategorija?

26/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn il-kategoriji huma marbutin ma' kif titqassam il-kwota tat-tonn u fid-dawl li d-diskussjonijiet għadhom għaddejjin għall-istaġun 2024, fil-preżent dawn il-kategoriji ma jeżistux għaliex l-istaġun tat-tonn huwa magħluq.

Seduta 208
20/02/2024

**UNJONI EWROPEA – GĦAJNUNIET LIS-SAJJIEDA**

**15681. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm sajjieda li bbenefikaw minn għajnuniet tal-Unjoni Ewropea, sena b'sena, mill-2004 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Fiex kienet tikkonsisti din l-għajnuna, kemm-il sajjied ibbenefika minn din l-għajnuna, x'kien l-istatus ta' kull sajjied (sajjieda full-time, sajjieda żgħażagħ, etc.) u x'inhu l-ammont ta' flus li bbenefika minnu kull sajjied?

26/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 208
20/02/2024

**ICCAT - KONSULENTI MALTIN FL-SCRS**

**15682. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti impjegati mill-Ministeru u/jew id-Dipartiment tas-Sajd assenjati fl-Istanding Committee Research and Statistics (SCRS) tal-ICCAT (International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) li joħorġu r-rakkomandazzjonijiet għall-ħut u l-mammiferi?

26/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li diversi impjegati xjentisti tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura jattendu għall-laqgħat tal-SCRS, li jsiru b'mod perjodiku. In-nomenklatura tagħhom hi Chief Scientific Officer, Principal Scientific Officer, Senior Scientific Officer u Scientific Officer.

Seduta 208
20/02/2024

**TWELID TA' TRABI**

**15747. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi fl-2022 u fl-2023 skont l-istatistika tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO)? Jista' jgħid ukoll:

i. kemm minnhom huma minn ġenituri Maltin?
ii. kemm minnhom huma minn ġenituri barranin?
iii. kemm minnhom huma minn ġenitur Malti u l-ieħor barrani?
iv. kemm minnhom huma minn ġenitur single parent Malti?
v. kemm minnhom huma minn ġenitur single parent barrani?

29/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aħħar statistika disponibbli relatata ma' twelid ħaj ta' residenti hija għas-sena ta' referenza 2022.
Fl-2022 kien hemm 4,309 twelid ħaj ta' residenti. Iċ-ċittadinanza tal-ġenituri hija mqassma kif ġej:

· Iż-żewġ ġenituri kienu Maltin - 2,763
· Iż-żewġ ġenituri kienu barranin - 1,008
· Ġenitur wieħed kien Malti u ġenitur wieħed barrani – 395
· Ġenitur li welldet kienet Maltija u ġenitur l-ieħor ma ġiex iddikjarat waqt ir-reġistrazzjoni – 75
· Ġenitur li welldet kienet barranija u ġenitur l-ieħor ma ġiex iddikjarat waqt ir-reġistrazzjoni – 31

Is-37 twelid li jifdal ġew estratti minn rekords miżmuma mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Informazzjoni dwar il-ġenitur li welldet biss tinġabar minn dan is-sors u għalhekk dawn it-twelid ma jistgħux jiġu kklassifikati kif deskritt hawn fuq.

Seduta 208
20/02/2024

**IL-MELLIEĦA - PALAZZ TA' SELMUN - XOGĦLIJIET**

**15800. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14592 u 15000 u jgħid x'inhu x-xogħol ta' restawr li mistenni jsir fil-Palazz ta' Selmun, fil-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dan ix-xogħol jibda u meta hu mistenni li jitlesta?

30/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**RESTAWR TA' POSTIJIET/MONUMENTI STORIĊI F'MALTA - SKEMA**

**15845. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-iskema ta' restawr ta' postijiet/monumenti storiċi f'Malta għal din is-sena, li ġiet ippubblikata iktar kmieni dan ix-xahar (Jannar 2024), jista' l-Ministru jgħid:

i. kemm-il darba ħarġet tali skema matul l-aħħar għaxar snin u jindika s-snin meta ħarġet?
ii. kemm kien l-ammont ivvutat għal din l-iskema sena b'sena?
iii. kemm attwalment intefqu flus fi proġetti f'din l-iskema, maqsuma sena b'sena?

30/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-twegibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14985 u 15846.

Seduta 208
20/02/2024

**RESTAWR TA' POSTIJIET/MONUMENTI STORIĊI F'MALTA - SKEMA**

**15846. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-iskema ta' restawr ta' postijiet/monumenti storiċi f'Malta għal din is-sena, li ġiet ippubblikata iktar kmieni dan ix-xahar (Jannar 2024), jista' l-Ministru jgħid:

i. kemm irċieva applikazzjonijiet sena b'sena minn kemm ilha toħroġ tali skema, lokalità b'lokalità?
ii. kemm kien il-valur ta' kull proġett li applikaw għalih il-Kunsilli Lokali?
iii. liema minn dawn il-proġetti ġew approvati minn kemm ilha toħroġ din l-iskema, lokalità b'lokalità?
iv. kemm fil-fatt immaterjalizzaw proġetti sena b'sena minn kemm ilha toħroġ din l-iskema, lokalità b'lokalità?

30/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qed tiġi mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.
Intant infurmat illi din l-iskema ma titlobx li jingħata l-valur ta' kull proġett li japplikaw għalih il-Kunsilli Lokali u dan minħabba li l-proġetti magħżula jitwettqu minn ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni fl-intier tagħhom (mid-dokumentazzjoni tal-monumenti sar-restawr fiżiku), u għaldaqstant il-Kunsilli ma jingħatawx għotja ta' flus biex iwettqu il-proġetti magħżula.
Infurmat ukoll illi n-numru ta' proġetti li twettqu sena b'sena kienu skond kif ġej:

- 2015 – 5
- 2016 – 6
- 2017 – 5
- 2018 – 5
- 2019 – 9
- 2020/2021 - 10
- 2022/ 2023 - 12

B'rabta mal-informazzjoni t'hawn fuq, infurmat li rigward is-sejħa tal-2017 kienu ntagħżlu 6 proġetti imma twettqu 5. Dwar dan infurmat illi ma kienx twettaq ir-restawr tal-Knisja tal-Ħġejjeġ (San Pawl il-Baħar) peress li l-Kunsill rispettiv iddeċieda li jirtira l-applikazzjoni.
In oltre, taħt is-sejħa tal-2022/2023 infurmat li kienu ntagħżlu 13 il-proġett imma twettqu 12. Dwar dan infurmat illi ma kienx twettaq ir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja (Fgura) minħabba li l-Kunsill kien informa lid-Dipartiment li kien qed iwettqu bir-riżorsi tiegħu.
Finalment infurmat li taħt is-sejħa tas-snin l-oħra msemmija hawn fuq, twettqu l-proġetti kollha li ntagħżlu filwaqt illiuħud mill-proġetti magħżula taħt is-sejħa tal-2022/2023 qed jitwettqu fil-preżent.

Seduta 208
20/02/2024

**SERVIZZ TAL-FERRY – PREZZIJIET**

**15869. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15261 u jgħid jekk matul is-sena 2024 kienx hemm żieda fil-prezz tas-servizz tal-ferry għal dawk li ma jagħmlux użu minn Tallinja card bejn il-Kottonera u l-Belt Valletta u Tas-Sliema u l-Belt Valletta, u *vice versa* u jekk iva, meta daħlet fis-seħħ din iż-żieda fil-prezz? Kemm kien il-ħlas għas-servizz qabel u wara din iż-żieda fil-prezz? Jista' jgħid min awtorizza din iż-żieda fil-prezz?

31/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'konformità mal-viżjoni tal- Gvern li jżid l-użu ta' trasport alternattiv, is- servizz tal-ferry mill-Kottonera u tas-Sliema lejn il-Belt Valletta beda jiġi offrut kollu bla ħlas mill-15 ta' Jannar 2024 lil kull min għandu Talinja Card. Matul ix-xahar ta' Frar tneħħiet ukoll il-miżata amministrattiva biex wieħed japplika għal-Talinja Card. Il-Maltin u l-Għawdxin jistgħu jkollhom it-Tallinja Card li jfisser li jkunu jistgħu jagħmlu użu ukoll minn dan is-servizz tat-trasport alternattiv mingħajr ħlas. Fid-dawl ta' dawn il-bidliet, infurmat li l-operatur privat irreveda r-rati għal min baqa' ma applikax għal-Talinja Card.

Seduta 208
20/02/2024

**ĠBIR TA' VETTURI MIT-TOROQ**

**15870. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15258 u jgħid kemm inġabru vetturi mit-toroq madwar Malta u Għawdex matul is-sena 2023, maqsuma lokalità, lokalità? Jista' jgħid ukoll kemm baqa' vetturi abbandunati, mkissra eċċ. fit-toroq li għalkemm ġew irrappurtati, għadhom ma nġabrux, maqsuma lokalità, lokalità?

31/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba kif mibgħuta lili mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tinsab hawn taħt:

| **Lokalità** | **Nru ta' Vetturi li nġabru matul 2023** |
|---|---|
| Il-Belt Valletta (Città Umilissima) | NIL |
| L-Imdina (Città Notabile) | NIL |
| Il-Birgu (Città Vittoriosa) | NIL |
| L-Isla (Città Invicta) | NIL |
| Bormla (Città Cospicua) | 2 |
| Ħal Qormi (Città Pinto) | 0 |
| Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) | 5 |
| Ħaż-Żabbar (Città Hompesch) | NIL |
| Is-Siġġiewi (Città Ferdinand) | 2 |
| Iż-Żejtun (Città Beland) | NIL |
| Ir-Rabat (Città Victoria) | NIL |
| Ħ'Attard | NIL |
| Ħal Balzan | NIL |
| Birkirkara | 3 |
| Birżebbuġa | NIL |
| Ħad-Dingli | NIL |
| Il-Fgura | NIL |
| Floriana | NIL |
| Il-Fontana | NIL |
| Il-Gudja | 0 |
| Il-Gżira | NIL |
| Għajnsielem | 7 |
| L-Għarb | NIL |

| | |
|---|---|
| Ħal Għargħur | NIL |
| L-Għasri | NIL |
| Ħal Għaxaq | NIL |
| Il-Ħamrun | 2 |
| L-Iklin | 11 |
| Il-Kalkara | 5 |
| Ta’ Kerċem | 0 |
| Ħal Kirkop | NIL |
| Ħal Lija | NIL |
| Ħal Luqa | NIL |
| Il-Marsa | NIL |
| Marsaskala | 5 |
| Marsaxlokk | NIL |
| Il-Mellieħa | 5 |
| L-Imġarr | NIL |
| Il-Mosta | NIL |
| L-Imqabba | NIL |
| L-Imsida | NIL |
| Il-Munxar | 2 |
| In-Nadur | NIL |
| In-Naxxar | 10 |
| Paola | NIL |
| Pembroke | NIL |
| Tal-Pietà | 1 |
| Il-Qala | NIL |
| Il-Qrendi | 2 |
| Ir-Rabat (Malta) | NIL |
| Ħal Safi | NIL |
| San Ġiljan | NIL |
| San Ġwann | NIL |
| San Lawrenz | NIL |
| San Pawl il-Baħar | NIL |
| Ta' Sannat | NIL |
| Santa Luċija | NIL |
| Santa Venera | NIL |
| Tas-Sliema | NIL |
| Is-Swieqi | 1 |
| Ta' Xbiex | NIL |
| Ħal Tarxien | NIL |
| Ix-Xagħra | NIL |
| Ix-Xewkija | NIL |
| Ix-Xgħajra | NIL |
| Iż-Żebbuġ | NIL |
| Iż-Żurrieq | NIL |
| L-Imtarfa | NIL |

Seduta 208
20/02/2024

**PAGAMENTI LIL KUMPANIJA**

**15889. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta’ flus mħallsa mill-Gvern jew entitajiet tiegħu f’pagamenti lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, fis-snin 2021, 2022 u 2023?

01/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sarux pagamenti lil kumpanija msemmija.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – KIRI TA' BINI MILL-PRIVAT**

**15890. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm inkrew binjiet ġodda mingħand il-privat mill-Ministeru tiegħu jew entitajiet li jaqgħu taħtu bejn l-1 ta' Novembru 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid f'kull każ għal liema skop inkrew dawn il-binjiet?

01/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm kirjiet ta' binjiet ġodda li mhux inklużi fit-tabella annessa mal-mistoqsija parlamentari 3721.

Seduta 208
20/02/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – KURA LI KELLHA TITKOMPLA FL-ISPTAR MATER DEI**

**15891. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il pazjent daħal fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex imma l-kura tiegħu kellha f'xi ħin titkompla fl-Isptar Mater Dei jew f'xi sptar ieħor pubbliku f'Malta matul is-sena 2023, u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma xahar xahar?

01/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-lista ta' pazjenti li daħlu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u l-kura kellha titkompla fl-Isptar Mater Dei jew f'xi sptar ieħor pubbliku hija kif ġejja;

| **Sena 2023** | **Numru** |
|---|---|
| | |
| Jannar | 28 |
| Frar | 23 |
| Marzu | 38 |
| April | 40 |
| Mejju | 53 |
| Ġunju | 40 |
| Lulju | 30 |
| Awwissu | 27 |
| Settembru | 40 |
| Ottubru | 34 |
| Novembru | 24 |
| Diċembru | 21 |
| | |
| **Sena 2024** | |
| Jannar | 31 |
| Frar (sal - 14 ta' Frar) | 19 |

Seduta 208
20/02/2024

**SELMUN PALACE HOTEL – XOGĦOL**

**15929. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15307 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9185, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender għal manutenzjoni estensiva tas-Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa nħariġx? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar dan it-tender u jekk dan ġiex aġġudikat? Jekk le, jista' jgħid meta hu mistenni li jinħareg dan it-tender?

01/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**SELMUN PALACE HOTEL – PJAN BIEX TIĠI ŻVILUPPATA MILL-ĠDID**

**15930. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15308 u jgħid x'inhu l-pjan tal-Gvern fir-rigward tas-Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa, u jekk hemmx ħsieb li din il-binja tinbiegħ sabiex din tiġi żviluppata mill-ġdid?

01/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI - PAID OUT CLAIMS**

**15952. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif jikkompara t-total ta' paid out claims minn kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali tas-sena 2023 mas-sentejn ta' qabel?

02/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għas-snin 2021 u 2022, l-informazzjoni relatata ma' paid out claims li ġiet rraportata lill-MFSA hija aggregata għall-klassijiet kollha tal-insurance, u mhijiex limitata għal dik li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali.

Seduta 208
20/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI – INSURANCE PREMIUM**

**15953. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kienx hemm żidiet fl-insurance premia għal inċidenti stradali matul is-sena 2023?

02/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-insurance premia rrelatat ma' vetturi li ġew irraportati mingħand il-kumpaniji tal-insurance, jammonta hekk:
2021 – EUR 114,861,402
2022 – EUR 122,681,572
2023 – EUR 139,151,769
Minn informazzjoni li tiġbor l-MFSA mingħand il-kumpaniji tal-insurance, l-MFSA tifhem li numru ta' kumpaniji żiedu l-insurance premia li għandu x'jaqsam ma' insurance tal-vetturi.
Iż-żidiet ma jikontribwixxux biss għal żieda proġettata f'inċidenti stradali imma wkoll biex jagħmlu tajjeb għal spejjeż oħra li jkollhom effett dirett fuq iż-żieda fl-ammont monetarju tal-claims, bħal pereżempju l-inflazzjoni.
Raġunijiet oħra jinkludu żieda fin-numru ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-vetturi li jirriflettu ż-żieda fin-numru ta' vetturi ġodda fit-toroq Maltin.

Seduta 208
20/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI – INSURANCE CLAIMS**

**15954. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' claims ma' kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023?

02/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 208
20/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI**

**15955. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kif jikkompara t-total ta' claims ma' kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali li saru fis-sena 2023 mas-sentejn ta' qabel?

02/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15954.

Seduta 208
20/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI - PAID OUT CLAIMS**

**15956. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' paid out claims minn kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023?

02/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15954.

Seduta 208
20/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI - PAID OUT CLAIMS**

**15957. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kif jikkompara t-total ta' paid out claims minn kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023 mas-sentejn ta' qabel?

02/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15954.

Seduta 208
20/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI – SEZZJONI TAL-ELETTRIKU – ĦADDIEMA**

**15974. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan is-Sezzjoni tal-Elettriku tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema jokkupaw?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħamsa u għoxrin persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Elettriku fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Principal Technical Officer
- Senior Technical Officer
- Technical Officer
- Assistant Technical Officer
- Senior Foreman
- Foreman
- Senior Tradesman
- Tradesman
- Supervisor
- Heavy Plant Driver
- Generation Officer (ERL)
- Electrical Technician (ERL)
- Electrical Fitter (RSSL)

Seduta 208
20/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – SEZZJONI TAL-PLUMBING - ĦADDIEMA**

**15975. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tal-Plumbing tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi tagħhom?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm tnax-il persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Plumbing fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Senior Technical Officer
- Assistant Technical Officer
- Senior Tradesman
- Tradesman

Seduta 208
20/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – SEZZJONI TAL-MASTRUDAXXI - ĦADDIEMA**

**15976. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tal-Mastrudaxxi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi tagħhom?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm tmienja u għoxrin persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Mastrudaxxi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Senior Technical Officer
- Foreman
- Assistant Technical Officer
- Senior Tradesman
- Tradesman

Seduta 208
20/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – SEZZJONI TAT-TRAFFIC LIGHTS U SEZZJONI TAL-BELISHA LIGHTS - ĦADDIEMA**

**15977. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tat-Traffic Lights u s-Sezzjoni tal-Belisha Lights fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi tagħhom?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm erbgħa u għoxrin persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tat-Traffic Lights u s-Sezzjoni tal-Belisha Lights fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Senior Technical Officer
- Technical Officer
- Senior Tradesman
- Store Officer (ERL)
- Generation Officer (ERL)
- Senior Operator – Turbo (ERL)
- Senior Aviation Crewperson (ERL)
- Senior Mechanical Technician (ERL)
- Senior Operator Boiler (ERL)
- Senior Operator (ERL)
- Plant Maintenance Officer (ERL)
- Senior Electrical Officer (ERL)
- Rigger (ERL)
- GIS District Support Officer (ERL)
- Multi Skilled Tradeperson (ERL)
- Senior Welding Technician (ERL)
- Assistant Distribution Tradesman (ERL)
- Print Cont & Instrum Officer (ERL)

Seduta 208
20/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – SEZZJONI TAL-FUNTANI - ĦADDIEMA**

**15978. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li huma assenjati biex jagħmlu xogħol mal-Funtani ġewwa d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħdax-il persuna assenjati fis-Sezzjoni tal-Funtani fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Seduta 208
20/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI – SEZZJONI TAL-MANUTENZJONI - ĦADDIEMA**

**15979. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan is-Sezzjoni tal-Manutenzjoni li taqa' taħt id-Direttorat għall-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm sbatax-il persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Manutenzjoni li taqa' taħt id-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15995. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hija responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15996. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15997. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15998. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Membri Parlamentari min-naħa tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni jinħatru fuq il-Bord tal-Awtorita tal-Artijiet skont l-Att li waqqaf din l-Awtorità. Ma kien hemm ebda Deputati tal-Gvern f'pożizzjonijiet imsemmija fil-mistoqsija parlamentari fuq entitajiet oħra ta' dan il-Ministeru.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – DEPUTATI TAL-GVERN**

**15999. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sat-13 ta' Frar 2024.

Seduta 208
20/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DEPUTATI TAL-GVERN**

**16000. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**KAŻIJIET TAL-KANĊER**

**16020. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10979, jista' Ministru jgħid kemm kienu l-każijiet totali tal-kanċer mit-twelid sa 16-il sena u minn 16-il sena 'l fuq għal kull sena matul dawn l-aħħar 15-il sena?
Jista' jgħid ukoll:
i. Kemm mietu kull sena?
ii. Kemm kienet in-nefqa totali għall-kura tal-kanċer kull sena?

05/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**RAĦAL ĠDID – XOGĦLIJIET FIL-PJAZZA - PJANIJIET**

**16021. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet sabiex jissewwew il-ħsarat u x-xogħol li sar ħażin fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid? Jista' jgħid ukoll meta ser jibda dan ix-xogħol?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ix xogħol fuq it triq tal pjazza ta' Raħal Ġdid mhux talli beda talli wasal biex jitlesta. Hekk kif assumejt ir-rwol il-ġdid tiegħi ftit tal-ġimgħat ilu, rajt illi jiġu intensifikati u konklu¿i id- diskussjonijiet illi kienu bdew bejn l- awtoritajiet ikkonċernati. Ovvjament se nieħdu l-opportunita' biex nkomplu naħdmu biex intejbu d-dehra u se nkomplu ninvestu f'dan iċ-ċentru li huwa għal qalb ta' ħafna nies.

Seduta 208
20/02/2024

**RAĦAL ĠDID – XOGĦLIJIET FIL-PJAZZA - SPIŻA**

**16022. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-ispiża sabiex tissewwa l-ħsara li hemm fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Infrastructure Malta allokat budget ta' 750,000 euro għal din is-sena biex ikunu jistgħu jsiru interventi ta' titjib u tisbieħ fil-pjazza Ta' Raħal Ġdid.

Seduta 208
20/02/2024

**RAĦAL ĠDID – TISBIĦ TAL-PJAZZA**

**16023. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa l-proġett hekk imsejjaħ ta' tisbiħ li kien sar fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant tirreferi d-domanda tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 208
20/02/2024

**RAĦAL ĠDID – TISBIĦ TAL-PJAZZA - KUNTRATTURI**

**16024. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għall-proġett hekk imsejjaħ ta' tisbiħ tal-Pjazza ta' Raħal Ġdid, jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-kuntratturi tħallsux kollha? Jista' jgħid ukoll kemm inżammu flus għal xogħol ħażin li sar?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi d-domanda tiegħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 208
20/02/2024

**RAĦAL ĠDID – XOGĦLIJIET FIL-PJAZZA - LAQGĦAT**

**16025. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il laqgħa kellu l-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid mal-Gvern jew entitajiet oħrajn dwar il-problemi ta' xogħlijiet ħżiena fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid matul is-sena 2023? Jista' jgħid ukoll:
i. Meta saru dawn il-laqgħat (dati)?
ii. Ma' min kienu dawn il-laqgħat?

05/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li saru diversi laqgħat fosthom ma' uffiċjali minn Infrastructure Malta u Transport Malta.

Seduta 208
20/02/2024

**FAMILJARI TA' PERSUNI LI JKOLLHOM KUNDIZZJONIJIET DIFFIĊLI U RARI TA' SAĦĦA - GĦAJNUNA FINANZJARJA**

**16058. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tas-Saħħa jistax jagħti għajnuna iktar qawwija lill-familjari ta' persuni li jkollhom kundizzjonijiet diffiċli u rari ta' saħħa li jkollhom bżonn somom kbar ta' flus biex jingħataw il-kura li jkollhom bżonn, partikolarment għal tfal bil-kundizzjoni ta' Muscular Dystrophy?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li t-tfal jingħataw servizzi pedjatriċi skont il-bżonn u nedejna l-proċess biex il-kundizzjoni ta' Muscular Dystrophy tiġi nkluża f'Schedule V biex ikunu eliġibbli għall-mediċini li huma approvati fuq il-formolarju.

Seduta 208
20/02/2024

**BEJGĦ TA' PRODOTTI HHC**

**16082. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu fil-konfront tal-bejgħ ta' prodotti HHC?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ġie mwaqqaf 'working group' li jinkludi esperti tas-saħħa, pulizija, membri mill-Awtorita` dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC), id-dwana, u esperti oħra, biex jinvestigaw is-sitwazzjonji attwali u joħorġu proposti bil-għan ewlieni li jipproteġu is-saħħa tal-poplu.

Seduta 208
20/02/2024

**EXCHANGES**

**16083. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet għal exchanges mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma sena b'sena u minn liema lokalità kienu qed isiru dawn it-talbiet għal exchanges u għal fejn? Jista' jgħid ukoll kemm talbiet għal exchanges kienu milqugħa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

06/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2013 sat-12 ta' Frar 2024, l-Awtorità tad-Djar laqgħet 759 applikazzjoni għal tpartit. L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 208
20/02/2024

**RABAT, GĦAWDEX – ĊITTADELLA - XOGĦLIJIET**

**16084. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għax-xogħol li qed isir fil-foss madwar iċ-Ċittadella fir-Rabat, Għawdex, u peress li l-aħħar parti ta' dan il-foss tinsab magħluqa, jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru u meta huwa maħsub li jispiċċaw?

06/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq rakkommandazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, il-materjal li tneħħa meta waqa' parti mill-ħajt li hemm fid-daħla għall-foss, wara maltempata straordinarja li laqtet lil pajjiżna kmieni fl-2023, u materjal ieħor li tneħħa wara l-bini ta' pedamenti ġodda, ġie depożitat fl-aħħar parti interna tal-foss sabiex ikun jista' jiġi investigat mill-arkeologi li qed jimmoniterjaw ix-xogħlijiet f'dan is-sit storiku. Din il-parti tal-foss tinsab imdawra u riservata minħabba s-sigurtà sakemm jiġu konklużi l-istudji. Hu mistenni li l-investigazzjonijiet arkeoloġiċi tal-materjal jiġu fi tmiemhom din is-sena kurrenti.

Seduta 208
20/02/2024

**SAN ĠILJAN / IL-GŻIRA - MANUTENZJONI TAL-PROMENADE**

**16085. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan ta' manutenzjoni tal-promenade minn San Ġiljan sal-Gżira sabiex isiru xogħlijiet ta' tibdil ta' railings, bollards u lamp posts, fost bżonnijiet oħra, qabel ma jibda l-istaġun tas-sajf?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ser ikun qed jassisti lill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi biex jinbidlu tnejn u sebgħin lampa matul il-promenade ta' San Ġiljan ma' lampi LED iżjed effiċjenti.

Seduta 208
20/02/2024

**PACEVILLE TOWN MANAGEMENT COMMITTEE**

**16086. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-twaqqif mill-ġdid tal-Paceville Town Management Commitee, jista' l-Ministru jagħti l-ismijiet tal-persuni fuq dan il-bord? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-terms of references tal-istess bord? Jista' jgħid kemm hu l-baġit biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-bord? Jista' jgħid ukoll kemm ser ikunu qed jitħallsu f'salarji, allowances u/jew perkaċċi oħra ċ-chairman u l-membri l-oħra ta' dan il-bord?

06/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kumitat huwa magħmul minn rappreżentanti:

- TZRA,
- Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika,
- Kunsill Lokali ta' San Ġiljan,
- Awtorita' Maltija għat-Turiżmu,
- Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni,
- Transport Malta,
- MHRA,
- Kamra tal-SMEs,
- Malta Police Force, u
- Assoċjazzjoni tal-Catering Establishments.

Fir-rigward ta' baġit, nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Estimi tal-Baġit li tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninfurmah ukoll li l-membri tal-Kumitat kollha huma *ex-ufficio* ħlief għas-Segretarja tal-Kumitat li għandha €2,425 fis-sena. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-termini ta' referenza tal-istess kumitat.

Seduta 208
20/02/2024

**PACEVILLE TOWN MANAGEMENT COMMITTEE**

**16087. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-twaqqif tal-Paceville Town Management Committee, jista' l-Ministru jikkonferma li l-awtorità legali f'Paceville taqa' taħt l-awtorità tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan? Jista' jikkonferma wkoll li kull deċiżjoni meħuda minn dan il-kumitat trid tkun endorsed mill-Kunsill bħala l-awtorità legali tal-lokalità fid-dawl li għadu fis-seħħ l-MOU li kien sar meta twaqqaf għall-ewwel darba dan il-PTM madwar tmien snin ilu bejn il-Kunsill u l-PTM/Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan illi l-awtorità legali f'Paceville taqa' taħt l-awtorità tal-istess Kunsill.

Infurmat mill-istess Kunsill Lokali li kull deċiżjoni meħuda minn dan il-kumitat trid tkun endorsed minnu bħala l-awtorità legali tal-lokalità fid-dawl li għadu fis-seħħ l-MOU li kien sar meta twaqqaf għall-ewwel darba dan il-PTM.

Intant infurmat ukoll li l-Kunsill Lokali rispettiv għandu wkoll rappreżentant fil-Kumitat imsemmi.

Seduta 208
20/02/2024

**REĠISTRU SPEĊJALI TA' PERSUNI MISJUBA ĦATJA – SENTENZI SOSPIŻI**

**16088. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti d-data ta' meta kien l-aħħar aġġornat ir-reġistru speċjali ta' ħatja li jkunu ngħataw sentenza sospiża skont Artiklu 28 A (8) tal-Kodici Kriminali ta' Malta?

06/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-reġistru speċjali skont artikolu 28A(8) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi aġġornat kull xahar bl-aħħar aġġornament iġib id-data tal-31 ta' Jannar, 2024.

Seduta 208
20/02/2024

**SENA 2023 - PERSUNI MISJUBA ĦATJA – SENTENZI SOSPIŻI**

**16089. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' persuni li nstabu ħatja u ġew mogħtija sentenza sospiża matul is-sena 2023?

06/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul is-sena 2023 l-ammont ta' persuni li nstabu ħatja u ġew mogħtija sentenza sospiża kienu għall-ammont ta' tlett mija u sebgħa (307) mill-Qrati ta' Malta u ħmistax (15) mill-Qrati ta' Għawdex.

Seduta 208
20/02/2024

**PENSJONI TAL-IRTIRAR U PENSJONI TAŻ-ŻEWĠ TERZI**

**16126. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi d-differenza bejn il-pensjoni tal-irtirar u l-pensjoni taż-żewġ terzi u jista' jgħid min jibbenefika minn liema pensjoni?

06/02/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, t-terminu Pensjoni tal-Irtirar jintuża meta l-pensjonant ikun ukoll qed jirċievi Pensjoni tas-Servizz. Ir-rata applikabbli tal-Pensjoni tal-Irtirar hi waħda bażika skont kemm ikun ħallas kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, kif ukoll jekk il-parti l-oħra fiż-żwieġ tkunx qed tirċievi pensjoni fuq il-kontribuzzjonijiet li tkun ħallset.

Din ir-rata bażika, li wkoll togħla kull sena bħalma jogħlew il-pensjonijiet kollha, titħallas sakemm il-pensjonant, bejn iż-żewġ pensjonijiet, jaqbeż iż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu. Jekk jieħu anqas miż-żewġ terzi imsemmija, jieħu d-differenza addizzjonali fil-Pensjoni tal-Irtirar Miżjuda.

It-terminu Pensjoni taż-Żewġ Terzi jintuża għal dawk il-pensjonanti li jkollhom pensjoni waħda ibbażata fuq il-prinċipju taż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħhom.

Seduta 208
20/02/2024

**CHILD BIRTH/ADOPTION BONUS**

**16127. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta daħal fis-seħħ iċ-Child Birth/Adoption Bonus? Jista' jgħid ukoll kemm kienu dawk li bbenefikaw mill-bidu tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sena b'sena?

06/02/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-Child Birth u l-Adoption Bonus daħlu fis-seħħ f'Jannar 2020.

Il-persuni li bbenefikaw minn dawn il-bonuses matul s-snin kienu kif muri fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Child Birth Bonus | Adoption Bonus |
|---|---|---|
| 2020 | 3,000 | 0 |
| 2021 | 3,240 | 13 |
| 2022 | 3,208 | 19 |
| 2023 | 3,073 | 33 |
| 2024 | 428 | 5 |

Seduta 208
20/02/2024

**IN-WORK BENEFIT**

**16128. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma dawk il-persuni li jibbenefikaw mill-In-Work Benefit? Jista' jgħid ukoll meta daħal fis-seħħ u kemm kienu dawk li bbenefikaw minnu mill-bidu tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sena b'sena?

06/02/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qegħda tiġi mfissra fit-tabella t'hawn taħt. Tajjeb illi nispjega illi ż-żieda li seħħet bejn is-sena 2021 u s-sena 2022 (u allura tkompli sseħħ fis-snin ta' wara) hija riżultat ta' twessiegħ fl-income brackets u kif ukoll riżultat ta' tħaddim ta' sistema diġitali mibnija bejn dipartimenti differenti, fejn persuni li jkunu eliġibbli m'għandhomx għalfejn japplikaw.

| **Benefiċċju waqt l-Impieg (In Work Benefit)** | |
|---|---|
| | |
| **Sena** | **Benefiċjarji** |
| 2015 | 1,359 |
| 2016 | 2,294 |
| 2017 | 2,873 |
| 2018 | 4,514 |
| 2019 | 5,136 |
| 2020 | 5,337 |
| 2021 | 7,246 |
| 2022 | 24,611 |
| 2023 | 24,938 |

Seduta 208
20/02/2024

**DELITTI RRAPURTATI - TIENI DISTRETT**

**16129. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrapurtati delitti matul is-snin 2022 u 2023 fil-lokalitajiet tat-Tieni Distrett, maqsuma sena b'sena u maqsuma skont id-delitt?

06/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi in-numru ta' delitti li ġew irrapurtati delitti fis-snin 2022 fil-lokalitajiet tat-Tieni Distrett, maqsuma sena b'sena skont id-delitt, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Infurmat illi l-figuri tax-Xgħajra huma nklużi ma' dawk ta' Ħaż-Żabbar peress li din hi parti mill-istess lokalità, fid-data miżmuma mill-pulizija. Dwar il-Fgura l-figuri jkopru l-lokalità kollha. Infurmat illi bħal kull sena, il-crime report għas-sena 2023 ikun publikat fi żmien li ġej.

| **Delitti rrapurtati - Tieni Distrett** | | |
|---|---|---|
| | | |
| **Lokalità** | **Kategorija tar-reat** | **2022** |
| **BIRGU** | Ħruq | 0 |
| | Attentat ta' offiżi | 2 |
| | Offiżi fuq il- persuna | 9 |

| | | |
|---|---|---|
| | Użu ħażin tal computer | 4 |
| | Ħsarat | 12 |
| | Vjolenza domestika | 11 |
| | Falzifikazzjoni | 0 |
| | Frodi | 4 |
| | Offiżi ta' immigrazzjoni | 0 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 1 |
| | Serq | 23 |
| | Theddid u vjolenza privata | 1 |
| | Vjolenza kontra ufficċjal pubbliku | 3 |
| **Birgu Total** | | **70** |
| **BORMLA** | Ħruq | 1 |
| | Attentat ta' offiżi | 9 |
| | Offiżi fuq il-persuna | 12 |
| | Ksur ta' kundizzjonijiet tal-pleġġ | 1 |
| | Użu ħażin tal-computer | 8 |
| | Reati kontra l-ordni pubblika | 1 |
| | Ħsarat | 43 |
| | Vjolenza domestika | 42 |
| | Drogi | 4 |
| | Frodi | 14 |
| | Ġurament falz | 0 |
| | Pornografija | 0 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 8 |
| | Offiżi sesswali | 3 |
| | Serq | 80 |
| | Theddid u vjolenza privata | 5 |
| | Aċċess mhux awtorizzat | 1 |
| | Vjolenza kontra ufficċjal pubbliku | 2 |
| **Bormla Total** | | **234** |
| **FGURA** | Attentat ta' reati | 9 |
| | Offiżi fuq il-persuna | 9 |
| | Użu ħażin tal-computer | 14 |
| | Reati kontra l–paċi pubblika | 1 |
| | Ħsarat | 65 |
| | Vjolenza domestika | 58 |

| | | |
|---|---|---|
| | Drogi | 2 |
| | Falsifikazzjoni | 4 |
| | Frodi | 25 |
| | Pornografija | 1 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 7 |
| | Offiżi sesswali | 1 |
| | Serq | 70 |
| | Theddid u volenza privata | 8 |
| | Vjolenza kontra uffiċċjal pubbliku | 2 |
| **Fgura Total** | | **276** |
| **ISLA** | Ħruq | 1 |
| | Attentat ta' offiżi | 0 |
| | Offiżi fuq il-persuna | 4 |
| | Użu ħażin tal-computer | 2 |
| | Reati kontra l-paċi pubblika | 0 |
| | Ħsarat | 19 |
| | Vjolenza domestika | 18 |
| | Drogi | 0 |
| | Falsifikazzjoni | 1 |
| | Frodi | 4 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 2 |
| | Serq | 23 |
| | Theddid u vjolenza privata | 1 |
| | Vjolenza kontra uffiċċjal pubbliku | 1 |
| **IslaTotal** | | **76** |
| **KALKARA** | Attentat ta' offiżi | 2 |
| | Offiżi fuq il-persuna | 4 |
| | Użu ħażin tal-computer | 0 |
| | Ħsarat | 14 |
| | Vjolenza domestika | 11 |
| | Drogi | 0 |
| | Frodi | 9 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 0 |
| | Offiżi sesswali | 1 |
| | Serq | 25 |

| | | |
|---|---|---|
| | Theddid u vjolenza privata | 1 |
| **KALKARA Total** | | **67** |
| **ZABBAR** | Abandun ta' tfal | 1 |
| | Ħruq | 2 |
| | Attentat ta' offiżi | 9 |
| | Offiżi fuq il-persuna | 13 |
| | Użu ħażin tal-computer | 11 |
| | Reati kontra l-paċi pubblika | 0 |
| | Reati kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja | 0 |
| | Ħsarat | 108 |
| | Vjolenza domestika | 61 |
| | Drogi | 3 |
| | Falsifikazzjoni | 0 |
| | Frodi | 58 |
| | Vjolenza abbażi tal-ġeneru | 1 |
| | Pornografija | 2 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 11 |
| | Offiżi sesswali | 5 |
| | Serq | 79 |
| | Theddid u vjolenza privata | 8 |
| | Vjolenza kontra uffiċjal pubbliku | 5 |
| **ZabbarTotal** | | **377** |
| **Total kollu** | | **1100** |

Seduta 208
20/02/2024

**TESTIJIET TAL-VRT - GARAXXIJIET LIĊENZJATI**

**16130. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn garaxxijiet liċenzjati f'Malta u f'Għawdex biex jagħmlu t-testijiet tal-VRT?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Malta hemm 37 (sebgħa u tletin) garaxx liċenzjat biex jagħmel it-testijiet tal-VRT, filwaqt li ġewwa Għawdex hemm 6 (sitta).

Seduta 208
20/02/2024

**KATARETTI - OPERAZZJONIJIET**

**16131. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru operazzjonijiet tal-kataretti matul is-sena 2023?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' operazzjonijiet tal-katarretti li saru bejn 1 ta Jannar u l-aħħar ta' Novembru 2023 kien ta' 3695 proċedura.

Seduta 208
20/02/2024

**KORDIN GRAIN TERMINAL – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**16173. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Kordin Grain Terminal, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

06/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 208
20/02/2024

**MCA – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**16174. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA), x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

06/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 208
20/02/2024

**MALTA GOVERNMENT INVESTMENTS – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**16175. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Malta Government Investments, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

06/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 208
20/02/2024

**MGA – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**16176. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità Maltija għal-Logħob (MGA), x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

06/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 208
20/02/2024

**BINJA QLEJGĦA - ĦSARAT FIS-SOQFA TA' GARAXXIJIET**

**16276. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13858, jista' l-Ministru jgħid meta ġie ffirmat il-ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta sabiex jingħata bidu għat-tiswijiet neċessarji u jagħti rendikont dettaljat li jinkludi d-dati tax-xogħlijiet li saru minn dak iż-żmien 'l hawn filwaqt li jagħti lista tax-xogħlijiet li fadal isiru f'dan il-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa fl-Imtarfa li bħalissa jinsab fi stat perikoluż ħafna għar-residenti?

07/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-ftehim ta' koordinament bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta għandu jiġi ffirmat sal-aħħar ta' Frar 2024. Mal-ftehim iffirmat ser joħrog il-programm tax-xogħlijiet u minn hemm, b'koordinazzjoni sħiħa bejn l-entitajiet kollha kkonċernati, jkun jista' jibda' x-xogħol meħtieġ.

Seduta 208
20/02/2024

**SKEMA - KONĊESSJONI ENFITEWTIKA**

**16287. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14525 dwar proprjetà mogħtija b'enfitwesi, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx applikazzjoni għall-iskema li nieda l-Gvern u li permezz tagħha konċessjoni enfitewtika skaduta, li fil-każ tal-proprjetà inkwistjoni skadiet fl-2017, tista' tiġi estiża għal ħamsin sena oħra?

07/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**ELECTRIC CAR CHARGING POINTS MINGĦAJR ĦLAS**

**16309. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk illum hawnx Electric Car Charging points li wieħed jista' juża biex jiċċarġja l-karozza elettrika tiegħu mingħajr ħlas, u jekk iva fejn jinsabu?

08/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Electric Car Charging Points f'Malta u Għawdex llum huma kollha bi ħlas.

Seduta 208
20/02/2024

**ELECTRIC CAR CHARGING POINTS MINGĦAJR ĦLAS SAL-2022**

**16310. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk sal-2022 kienx hawn Electric Car Charging points li wieħed kien jista' juża' biex jiċċarġja l-karozza elettrika tiegħu mingħajr ħlas, u jekk iva fejn kienu jinsabu?

08/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferilill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4785.

Seduta 208
20/02/2024

**SWIEQI-SAN ĠILJAN - JUNCTION IL-ĠDIDA**

**16311. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-junction il-ġdida mħabbra għal Swieqi-San Ġiljan? Jista' wkoll juri r-rotta li minnha jistgħu jgħaddu r-roti li jkunu jridu jgħaddu minn din il-junction?

08/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti proposti li se jiġu mressqa quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar fil-ġranet li ġejjin. Fost l-oħrajn, f'dawn il-pjanti qed tiġi indikata r-rotta ta' mobiltà attiva b'bankini ġodda u crossings li se jkunu disponibbli għal min irid jaqsam min-naħa tas-Swieqi għal San Ġiljan u viċi versa.

Seduta 208
20/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - HOSPITALITY AND ENTERTAINMENT**

**16316. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għar-rapport finanzjarju għas-sena 2022 tal-Awtorità tal-Artijiet, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-ħlasijiet (inklużi l-iskop u isem il-benefiċjarji/kumpaniji) li tħallsu b'konnessjoni man-nefqa fuq il-'Hospitality and Entertainment' imsemmija fl-istess rapport?

09/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 208
20/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - SPEZZJONIJIET FUQ IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**16317. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet relatati ma' imwejjed u siġġijiet mill-ewwel ta' Jannar tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, indikati xahar b'xahar u skont il-lokalità?

09/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - RAPPORTI IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**16318. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport sar mill-pubbliku jew minn entitajiet pubbliċi oħrajn lill-Awtorità tal-Artijiet fuq imwejjed u siġġijiet fl-2023?

09/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**STENNIJA MEDJA - EMERĠENZA**

**16319. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti figura ta' kemm kienet l-istennija medja ta' pazjent fl-Emerġenza minn meta jirreġistra sal-punt li tittieħed deċiżjoni medika ta' jekk jingħatax sodda f'ward jew jintbagħatx lura d-dar wara li jingħata kura jew dijanjosi mit-tobba fl-Emerġenza għal kull xahar minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kull sena matul l-għaxar preċedenti?

09/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7856.

Seduta 208
20/02/2024

**VETTURI BIL-Y-PLATES - PUBLIC SERVICE GARAGE**

**16323. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk operatur ta' vetturi bil-Y-plates, li jopera minn karozza waħda sa erbgħa, għandux bżonn Public Service Garage (PSG) jew le?

09/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li operatur ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri għandu l-bżonn li jissodisfa l-kriterji elenkati fir-Regolamenti 5(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 sabiex jkun jista' jopera minn vettura waħda sa erba'.

Seduta 208
20/02/2024

**VETTURI BIL-Y-PLATES – REKWIŻITI U PERMESSI BIEX JOPERA MINN GARAGE PRIVAT**

**16324. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-rekwiżiti u l-permessi li għandu bżonn, biex operatur ta' vetturi bil-Y-plates, li jopera minn karozza waħda sa erbgħa, jopera mill-garage privat tiegħu, dejjem meta dan il-garage ikun jista' jakkomoda l-karozzi kollha li qed jopera bihom?

09/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li operatur ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri għandu bżonn jissodisfa l-kriterji elenkati fir-Regolamenti 5(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 sabiex jkun jista' jopera minn vettura waħda sa erba'. L-istess Leġislazzjoni Sussidjarja tipprovdi li l-faċilità fejn dawn it-tip ta' vetturi jistgħu jiġu ggaraxxjati għandu jkun post li mhux fit-triq, u li fih l-ipparkjar jew l-iggaraxxjar fih ta' vetturi bil-mutur huwa permissibbli.

Seduta 208
20/02/2024

**AIRMALTA – SOMOM MOGĦTIJA LILL-BDOTI**

**16334. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema merti għandhom jingħataw dawn is-somom u jekk dawn hux se jingħataw lill-bdoti kollha preżenti tal-Airmalta, kemm dawk li għandhom kuntratti definiti kif ukoll kuntratti indefiniti?

12/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-somom jirriflettu l-likwidazzjoni tal-ERS li hemm fil-ftehim kollettiv u li ġiet maqbula lura fl-2018.

Seduta 208
20/02/2024

**AIRMALTA – KUNTRATTI**

**16335. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti resume ta' kemm-il kuntratt ġie ffirmat, kemm baqa' biex jiġu ffirmati, kif ukoll redikont ta' kemm ser jiswa' dan il-proċess kollu?

12/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16332.

Seduta 208
20/02/2024

**NUQQAS TA' MEDIĊINA U TRATTAMENT GĦALL-ISCABIES**

**16338. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex hawn nuqqas ta' mediċina u trattament għall-iscabies?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mhemm l-ebda nuqqas ta' mediċina u trattament għall-iscabies.

Seduta 208
20/02/2024

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - SERVIZZI LI SER IKUNU QED JITWAQQFU**

**16339. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi ser ikunu qegħdin jitwaqqfu mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex u jekk dawn hux ser jiġu rilokati fiċ-Ċentru tas-Saħħa fir-Rabat?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi fejn hu klinikament possibbli, s-servizzi joħorġu mill-ambjent ta' sptar u jersqu aktar viċin ta' fejn joqgħod jew jaħdem il-pazjent. L-għan aħħari hu li titnaqqas il-pressjoni fuq l-isptar sabiex il-professjonisti fl-isptar ikunu jistgħu jiffokaw aktar fuq mard speċjalizzata u l-kura tiegħu.
Għadaqstant, filwaqt li s-servizzi msemmija hawn taħt ser jibqgħu jingħataw mill-isptar lil pażjenti li jkollhom bżonn ta' kura aktar speċjalizzata, sar ftehim bejn il-Primary HealthCare u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex biex dawn ikunu jistgħu jingħataw ukoll miċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ta' Victoria u mill-Kliniċi tal-Komunità ta' Għawdex. Dawn is-servizzi jinkludu:

§ Is-servizz tad-Dijabete
§ Is-Servizz tal-ACC-POC (għal pazjenti li jieħdu l-warfarina)
§ Is-Servizz tal-Podjatrija.

Seduta 208
20/02/2024

**FURJANA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**16340. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex parti miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana ngħalqet u s-servizzi twaqqfu?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ma ġie mwaqqaf jew sospiż l-ebda servizz. Is-Servizzi kollha ġew temporanjament relokati fil-postijiet kif indikat fit-tabella hawn taħt, bi tħejjija għall-immodernizzar ta' din il-parti tal-binja, bħala parti mill-programm ħolistiku tal-immodernizzar tal-Primary HealthCare.

| Servizz | Sit Temporanju |
|---|---|
| Podjatrija | Fil-Klinika fil-Komunita' tal- Ħamrun u fiċ-Ċentru tas-saħħa ta' B'Kara |
| Fiżjoterapija | Fil-Kliniċi fil-Komunita' tal-Ħamrun, H'Attard, u tal-Pieta' |
| Dijabete | Is-servizz baqa' jingħata miċ-Ċentru tas-saħħa tal-Floriana |
| Oftalmoloġija | Is-servizzi kollha tal-Oftalmoloġija offruti marbuta maċ-Centru ta' Eċċellenza tal-Floriana qed jingħataw minn post temporanju fi Triq St Albert, Gżira |

Seduta 208
20/02/2024

**DJAR TAL-ANZJANI PRIVATI – SODOD MIKRIJA MILL-GVERN**

**16341. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm sodod li kienu qed jinkrew mill-Gvern fi djar tal-anzjani privati sal-aħħar ta' Jannar 2024?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Jannar 2024 kien hemm 2828 sodod li jinkrew mill-Gvern fi djar tal-anzjani privati.

Seduta 208
20/02/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - ĦADDIEMA**

**16342. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fil-Faċilità San Vinċenz de Paul u kemm minnhom huma tobba, infermiera u 'allied health professionals'?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li jaħdmu fil-Faċilità għall-kura fit-tul San Vinċenz de Paul fit-tliet professjonijiet imsemmija, jiġifieri tobba, infermiera u 'Allied Health Professionals', jammonta għall-543. Dawn huma maqsumin kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| **Risposta għat-Tweġiba PQ 16342:** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| SVP | Tobba | Infermiera | Allied health professionals | Total |
| | 41 | 422 | 80 | 543 |

Seduta 208
20/02/2024

**FURJANA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA – MANUTENZJONI**

**16343. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta saret l-aħħar manutenzjoni fil-wing li issa ġiet magħluqa fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-manutenzjoni preventiva issir fuq bażi regolari matul is-sena fiċ-Ċentri tas-Saħħa u fil-Kliniċi tal-Komunità kollha tal-Primary HealthCare. Is-sezzjoni fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana li qed issir referenza għaliha ġiet magħluqa temporanjament għall-immodernizzar bħala parti mill-programm ħolistiku tal-immodernizzar tal-Primary HealthCare.

Seduta 208
20/02/2024

**PARKEĠĠI RISERVATI PERSONALIZZATI - PERMESSI**

**16362. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy li biha persuna tikkwalifika għal parkeġġ riservat personalizzat? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-kriterji biex tali permess jinħareġ?

12/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-Avviż Legali 174 tal-2018, sabiex persuna tikkwalifika għall-Parkeġġ Riservat Personalizzat trid tkun tuża s-Siġġu tar-Roti jew ikollha Kundizzjoni Inkontrollabbli.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-applikazzjoni li telenka kemm-il policy kif ukoll tispjega l-proċedura.

Seduta 208
20/02/2024

**MĠARR – IL-BOKKA TAĊ-ĊARĊARA - DRENAĠĠ**

**16437. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsir id-drenaġġ li ilu mwiegħed għal numru ta' snin fil-parti tal-Bokka taċ-Ċarċara fl-Imġarr, viċin ta' Kastell Zammitellu?

16/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 208
20/02/2024

**AWSTRALJA – KONSULAT ĠENERALI TA' MALTA**

**16438. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Konsulat ta' Malta f'Sydney, l-Awstralja għadux miftuħ? Jekk dan għalaq, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan?

16/02/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Konsulat Ġenerali ta' Malta f'Sydney huwa miftuħ. Ma hemm l-ebda pjan biex dan jingħalaq.

Seduta 208
20/02/2024

**KLIEB LI ĠEW MICRO CHIPPED FL-2023**

**16439. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika kemm-il kelb ġie micro chipped u reġistrat fid-Database Nazzjonali fis-sena 2023?

16/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti:

| Sena | Mikroċippjar tal-klieb u reġistrazzjoni |
|---|---|
| 2023 | 7,430 |

Seduta 208
20/02/2024

**KLIEB LI ĠEW MICRO CHIPPED FL-2022**

**16440. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika kemm-il kelb ġie micro chipped u reġistrat fid-Database Nazzjonali fis-sena 2022?

16/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti:

| Sena | Mikroċippjar tal-klieb u reġistrazzjoni |
|---|---|
| 2022 | 8,848 |

Seduta 208
20/02/2024

**KLIEB LI ĠEW MICRO CHIPPED FL-2021**

**16441. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika kemm-il kelb ġie micro chipped u reġistrat fid-Database Nazzjonali fis-sena 2021?

16/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti:

| Sena | Mikroċippjar tal-klieb u reġistrazzjoni |
|---|---|
| 2021 | 11,358 |

Seduta 208
20/02/2024

**KLIEB LI ĠEW MICRO CHIPPED FL-2020**

**16442. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika kemm-il kelb ġie micro chipped u reġistrat fid-Database Nazzjonali fis-sena 2020?

16/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti:

| Sena | Mikroċippjar tal-klieb u reġistrazzjoni |
|---|---|
| 2020 | 9,489 |

Seduta 208
20/02/2024

**KLIEB LI ĠEW MICRO CHIPPED FL-2019**

**16443. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika kemm-il kelb ġie micro chipped u reġistrat fid-Database Nazzjonali fis-sena 2019?

16/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti:

| Sena | Mikroċippjar tal-klieb u reġistrazzjoni |
|---|---|
| 2019 | 8,581 |

Seduta 208
20/02/2024

**KLIEB LI ĠEW MICRO CHIPPED FL-2018**

**16444. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jindika kemm-il kelb ġie micro chipped u reġistrat fid-Database Nazzjonali fis-sena 2018?

16/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti:

| Sena | Mikroċippjar tal-klieb u reġistrazzjoni |
|---|---|
| 2018 | 8,514 |

Seduta 208
20/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - SKEMI MIFTUĦA**

**16452. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jelenka lista tal-iskemi maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet li huma miftuħa fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u li turi meta fetħet kull skema, kemm kien hemm applikazzjonijiet għal kull skema u kemm-il applikazzjoni ġiet ipproċessata sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll meta ser tagħlaq kull skema?

16/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 208
20/02/2024

**BIRŻEBBUĠA - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**16453. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità ta' Birżebbuġa minn Infrastructure Malta matul is-sena 2024 u x'tip ta' xogħlijiet ser isiru f'kull triq li ser issir, jekk hux ser jinbidlu xi servizzi u liema u f'liema minn dawn it-toroq ser isiru water culverts u service ducts biex is-servizzi li bħalissa għaddejjin mal-faċċati tad-djar jgħaddu minnhom? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

16/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta se tkun qed taħdem fuq numru ta' toroq skont prioritajiet mgħotija lilha mill-kunsill rispettiv. F'kull każ, qabel jibda ix-xogħol, isir proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji biex proposti tagħhom fejn jirrigwardja infrastruttura ta' servizzi jiġu nklużi fil-proġett rispettiv. Infrastructure Malta twettaq dawn il-proposti kif mressqa mill-entitajiet kompetenti.

Seduta 208
20/02/2024

**ĦAL SAFI - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**16454. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità ta' Ħal Safi minn Infrastructure Malta matul is-sena 2024 u x'tip ta' xogħlijiet ser isiru f'kull triq li ser issir, jekk hux ser jinbidlu xi servizzi u liema u f'liema minn dawn it-toroq ser isiru water culverts u service ducts biex is-servizzi li bħalissa għaddejjin mal-faċċati tad-djar jgħaddu minnhom? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

16/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta se tkun qed taħdem fuq numru ta' toroq skont prioritajiet mgħotija lilha mill-kunsill rispettiv. F'kull każ, qabel jibda ix-xogħol, isir proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji biex proposti tagħhom fejn jirrigwardja infrastruttura ta' servizzi jiġu nklużi fil-proġett rispettiv. Infrastructure Malta twettaq dawn il-proposti kif mressqa mill-entitajiet kompetenti.

Seduta 208
20/02/2024

**IL-QRENDI - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**16455. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità tal-Qrendi minn Infrastructure Malta matul is-sena 2024 u x'tip ta' xogħlijiet ser isiru f'kull triq li ser issir, jekk hux ser jinbidlu xi servizzi u liema u f'liema minn dawn it-toroq ser isiru water culverts u service ducts biex is-servizzi li bħalissa għaddejjin mal-faċċati tad-djar jgħaddu minnhom? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

16/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta se tkun qed taħdem fuq numru ta' toroq skont prioritajiet mgħotija lilha mill-kunsill rispettiv. F'kull każ, qabel jibda ix-xogħol, isir proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji biex proposti tagħhom fejn jirrigwardja infrastruttura ta' servizzi jiġu nklużi fil-proġett rispettiv. Infrastructure Malta twettaq dawn il-proposti kif mressqa mill-entitajiet kompetenti.

Seduta 208
20/02/2024

**L-IMQABBA - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**16456. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità tal-Imqabba minn Infrastructure Malta matul is-sena 2024 u x'tip ta' xogħlijiet ser isiru f'kull triq li ser issir, jekk hux ser jinbidlu xi servizzi u liema u f'liema minn dawn it-toroq ser isiru water culverts u service ducts biex is-servizzi li bħalissa għaddejjin mal-faċċati tad-djar jgħaddu minnhom? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

16/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta se tkun qed taħdem fuq numru ta' toroq skont prioritajiet mgħotija lilha mill-kunsill rispettiv. F'kull każ, qabel jibda ix-xogħol, isir proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji biex proposti tagħhom fejn jirrigwardja infrastruttura ta' servizzi jiġu nklużi fil-proġett rispettiv. Infrastructure Malta twettaq dawn il-proposti kif mressqa mill-entitajiet kompetenti.

Seduta 208
20/02/2024

**IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**16457. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità taż-Żurrieq minn Infrastructure Malta matul is-sena 2024 u x'tip ta' xogħlijiet ser isiru f'kull triq li ser issir, jekk hux ser jinbidlu xi servizzi u liema u f'liema minn dawn it-toroq ser isiru water culverts u service ducts biex is-servizzi li bħalissa għaddejjin mal-faċċati tad-djar jgħaddu minnhom? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

16/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta se tkun qed taħdem fuq numru ta' toroq skont prioritajiet mgħotija lilha mill-kunsill rispettiv. F'kull każ, qabel jibda ix-xogħol, isir proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji biex proposti tagħhom fejn jirrigwardja infrastruttura ta' servizzi jiġu nklużi fil-proġett rispettiv. Infrastructure Malta twettaq dawn il-proposti kif mressqa mill-entitajiet kompetenti.
Seduta 208
20/02/2024